# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **33** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tnejn 18 ta' Mejju 2015 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sinjorina Desiree' Attard<br>Is-Sur Lawrence Ciantar |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjurina Chantel Zammit |

### ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 32.
2. *Punti li joħorġu mill-Minuti.*
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2015/02 Tender for the collection of mixed household waste.
6. Aġġudikazzjoni tal-kwotazzjoni MLC 02/2015 – Filming and media production.
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
10. Aġġornament.

Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 32(1) tat-21 ta' April 2015:**

*Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.*

1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi paġna 9 punt #7.0 ir-raba paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

"Il-Kunsill qabel unanimament li tintbagħat kjarifika lill-kuntrattur S.Spagnol sabiex jiprovdi kopja tat-*tender* filwaqt li lill-offerent Karmig Trading Ltd tintbagħat kjarifika sabiex jiprovdi kopja tat-*tender* u jirrinunzja għal-flat rate ta' €250."

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ser jiġi iffirmat anke Memorandum of Understanding biex tkun parti mill-kuntratt u tiċċara din il-biċċa li l-flat rate ma tapplikax.

1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ġibed l-attenzjoni illi paġna 3 punt #2.1.3 it-tieni paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

"Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-Kunsilli kien iddeċieda ukoll illi issir Triq tal-Gardiel pero` il-kuntrattur infurmah illi din it-triq trid issir bil-permessi kollha ta' TMalta u għaldaqstant jridu jinbidlu s-servizzi neċessarji u biex isir dan it-riq ma tistax titqaxxar biss kif kien deċiż u l-ispiża titla sew u jekk il-platebearing test tal-bażi ma tgħaddix l-ispiża titla ħafna iktar. Apparti minn kemm it-triq hija ħafna iktar wiesgħa u twila minn Triq La Sengle. Huwa kompla jgħid li qed jassumi li t-triq se tlaħħaq il-€50,000."

1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ġibed l-attenzjoni illi paġna 7 punt #3.11 it-tieni paragrafu għandu jinqara kif ġej:

"Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi peress illi l-laqgħat tar-Reġjun mhux qed jsiru minħabba nuqqas ta' kworum għaldaqstant fl-assenza tas-Sindku jistgħa jattendi Kunsillier.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk jkun infurmat minn qabel jagħmel mezz li jattendu hu. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri offra li jmur huwa wkoll."

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ssekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 32(1) tat-21 ta' April 2015:**

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa rigward Paġna 7 artiklu #3.14 jekk il-papri bdewx jiġu mneħħija mill-Magħluq.

Is-Segretarju Eżekuttiv qallu li suppost li kellhom jiġu mneħħija mis-17 ta' Mejju sad-19 ta' Mejju 2015.

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa rigward paġna 8 artiklu #3.15 jekk ittieħdux passi rigward ir-ristoranti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi saru sinjali ma l-art sofor minn tarf sa tarf sabiex jkunu ta' gwida fejn jistabbilixxu sa liema punt jistgħu jinħarġu l-imwejjed u siġġijiet pero ġara li xorta saru l-abbużi u għalhekk irid jiġi deċiż jekk hux ser isiru qsari,bollards bil-ktajjen jew U shaped barriers minflok is-sinjali li hemm ma l-art sabiex dan l-abbuż jinqata.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qalu li kieku aħjar li jsiru qsari bil-konkos.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk isiru qsari tagħlaq il-passaġġ għalhekk hu jisuġerixxi li jsiru bollards.

Is-Sindku qal illi jekk isiru bollards għandna navżaw lil tal-ħwienet.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk isir railing baxx dan ser ikun ta' periklu pero min naħa l-oħra jekk isiru bollards irridu nkunu ċerti li ser nilħqu l-għan tagħna u mhux nibqgħu bl-istess problema.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi U shaped barrier tkun idejali.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fil-bandli hemm spazju ieħor fejn għadu mhux żviluppat u hemmhekk l-aktar li qed isiru abbużi għaliex qed jinnota li qed jitpoġġew ħames umbrellel bis-siġġijiet, kompla jgħid illi dawk il-ġenituri li qed imorru il-bandli bit-tfal jinstabu imdejjqin b'din is-sitwazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi f'dan il-post tajjeb li jsiru bollards bil-katnazz sabiex f'każ li jkun hemm bżonn li jinqalgħu biex idaħħlu xi materjal ikunu jistgħu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb li dawn jitlesstew qabel is-sajf.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hawn kumpaniji li jofru U shaped barriers li jkunu adekwati għal ġewwa bandli.

Sar qbil unanimu illi nġibu kwotazzjonijiet għal U shaped barriers.

➤ ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fis-18.13pm***

2.1.3 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard staqsiet fuq paġna 4 artiklu #3.2 rigward il-floating dock fil-bajja San Tumas, jekk irċivejniex xi risposta fuq il-kummenti li kellna nibagħatulhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bgħatnilhom il-kummenti li iddiskutew fil-laqgħa pero għad ma rċivejna l-ebda risposta.

2.1.4 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard staqsiet fuq paġna 7 artiklu #3.9 rigward festa rizzi jekk iltaqax xi ħadd magħhom.

Is-Sindku qal illi iltaqa' magħhom u sar qbil illi l-logo tal-Kunsill tkun tidher fuq il-posters eċċ pero l-Kunsill ma jħallas xejn għal din l-attivita`.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 3 artiklu #2.1.3 għaliex l-aħħar line jinqara bowsers bil-konkos u xtaq jispeċifika li dawn huma mixers u mhux bowsers.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq punt #3.8 paġna 6 rigward il-manutenzjoni fuq il-lattrina tal-Jerma għaliex bħal ma nafu għandha bżonn manutenzjoni estensiva u xtaq jara meta ser jibda ix-xogħol fuqha.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kellna problema għaliex ma stajniex immexxu l-applikazzjoni tal-UIF dwar il-manutenzjoni ta' din il-latrina għaliex ma kellniex Perit minħabba li konna qiegħdin fuq appell li issa ġie mirbuħ mill-Kunsill pero kien ser jitkellem dwarha iktar il-quddiem. Kompla jgħid illi hemm ċans kbir illi l-lattrini ser jerġgħu jaqgħu taħt idejn il-Gvern Lokali, pero' xorta iridu jibqgħu jsiru l-manutenzjonijiet neċessarji fil-frattemp.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Gvern Ċentrali mhux ser jieħu il-lattrini kollha taħt idejh.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq punt #3.14 paġna 7 rigward it-tneħħija ta' papri u manutenzjoni ġewwa l-Magħluq u x'sar fuq dan is-suġġett.

Is-Sindku qal illi saret laqgħa mar-rappreżentanti mill-Ministeru tat-Transport u Infrastruttura fejn qalulna illi min-naħa tagħhom ser jibdew jinġabru l-papri mis-17 ta' Mejju sad-19 ta' Mejju. Dawn qalu li ser jinqabdu fil-ħinijiet ta' filgħaxija u wara joħduhom kwarantina fejn jitestjawhom għal xi mard, la darba dawn ikunu ċertifikati li mhumiex morda ser jittieħdu Manoel Island. Kompla jgħid li hemm applikazzjoni mal-Mepa sabiex isir *dredging* u la darba il-permess jinħareġ ix-xogħol ikun jistgħa jibda skond kif hemm indikat fil-minuti tal-laqgħa li kienet saret ma rappreżentanti tal-MTI.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi tajjeb nwaħħlu tabelli biex ninfurmaw lin-nies li qed jinqabdu il-papri.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-tabelli kellhom jitwaħħlu min-naħa tal-MEPA.

2.1.8 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 8 punt #3.16 it-tender tad-dawl. Hu qal illi waqt laqgħa li saret mill-kumitat mall-Kuntrattur kien hemm qbil illi peress li kien hemm tenderer wieħed saru diskussjonijiet sabiex il-prezzijiet jibqgħu kif kienu fit-tender preċedenti minħabba li l-flus mill-Gvern Ċentrali baqgħu dawk li kienu u ma żdiedux. Kompla jgħid illi kien hemm qbil dwar xi tibdil fir-rati fejn il-prezz ta' metal shade issa huwa ta' € 40 kif ukoll illi jekk isiru 3 lampi fl-istess triq, ġnien jew promenade tiġi applikata call charge waħda. Rigward *l-ornamental lights il-prezz li hemm mniżżel fit-tender* hu għal lampa waħda jekk il-Kunsill ikun ser jgħamel triq li tinvolvi aktar min lampa waħda jinnegozja l-prezz mal-kuntrattur.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Korrispondenza mingħand Malta today rigward il-pożizzjoni tal-Kunsill fuq l-Universita' Amerikana f'Żongor Point:**

Is-Sindku beda billi qal illi fit-2 ta' Mejju 2015 il-Kunsill kien irċieva ittra mingħand il-Malta Today fejn staqsiet dwar il-posizzjoni uffiċjali tal-Kunsill fuq L-Universita' Amerikana f'Żonqor Point. Is-Sindku qara din l-ittra , qal illi minn dakinhar kien hemm ħafna diskussjonijiet u sal lum kulħadd stabbilixxa l-opinjoni tiegħu rigward din l-Universita' għalhekk hu wera x-xewqa li jagħti spazzju ta' ftit ħin lill kull Kunsillier sabiex jagħti l-opinjoni u r-raġunijiet tiegħu biex b'hekk finalment ngħaddu għal vot finali.

Is-Sur John B Camilleri beda billi qal illi hu ma jsibx diffikulta' li tinbena Universita' oħra ġewwa Malta pero mhux f'ODZ, iktar u iktar ġewwa Maraskala. Kompla jgħid illi hu lanqas m'għandu problema b'għaqdiet sportivi li jkollhom il-post fejn jippratikaw l-isport rispettiv. Pero` hu sostna li hu u sħabu l-kunsilliera qegħdin hawn għal għan wieħed, għar-residenti u staqsa r-residenti x'ser jibbenefikaw minn din l-universita? Hu kompla jispjega illi hawn min qiegħed jagħti l-impressjoni li b'dan il-proġett ser nagħtu nifs lir-residenti pero' hu jħoss li aktar ser nifgaw lir-residenti milli nagħtuhom in-nifs. Hu qal illi għalkemm qed jingħad illi l-bini ser ikun għoli tlett sulari, iżda meta hu staqsa waqt il-laqgħa ġewwa Kastilja kemm fih filati kull sular dan ma ingħatax informazzjoni. L-unika pjanti li ntwerew kienu fuq il-gazzetti. Il-Kunsill lanqas irċieva din il-footprint imma jidher li ser tkun id-doppju tal-area kollha ta' Żonqor. Hu qal illi l-motto ta' Marsaskala magħruf bħala Ghajn ta' kenn u ta' mistrieh, u allura jħoss illi b'dan il-proġett ser inkunu qed nbiddlu l-karattru tal-lokal tagħna, u dawk in-nies li investew fi propjeta' f'Marsaskala ser isibu aktar problemi ta' parkeġġ milli diġa hawn fil-preżent.

Barra minn hekk diġa` hawn problemi bit-transport pubbliku, d-dawl ta' sikwit qiegħed ikun hawn overloads, l-ilma u drenaġġ ukoll mhux ha jleħħqu mad-domanda. Diga` sena ilu il-Gvern iddeċċieda li jgħolli l-ammont ta' sulari għal-bini ġewwa Marsaskala u dan ħa jkompli jiggrava s-sitwazzjoni.

Is-Sur Camilleri qal illi f'Marsaskala qegħdin naffaċjaw ħafna problemi minħabba li ġie żviluppat malajr u minn ftit mijiet żdidna u fil-preżent hawn madwar 12,000 ruħ jgħixu ġewwa Marsaskala u ser inżidu 5,000 ruħ oħra b'dan il-proġett. Hu qal illi hawn residenti li minħabba l-iskola primarja oħra għat-tfal tagħna li ser tinfetaħ ġewwa Triq il-Lampuka, xi residenti diġa qed ibiegħu d-djar tagħhom aħseb u ara x'ser jiġri la tinbena Universita' bħal din. Huwa qal illi fejn hemm Universita simili jew skola kbira r-residenti kellhom jitilqu min hemm. Il-Kunsillier Camilleri qal illi diġa` qed jingħad illi hemm bżonn inżidu n-nightlife ġewwa Marsaskala u żgur li mhux dan li jixtiequ r-residenti Skalin fil-lokalita' u jissuġerixxi lil min ma jogħġbux il-kwiet li joffri Wied il-Għajn biex imur iffitex lokalitajiet oħra. Hu sostna illi din iż-żona kellha issir park nazzjonali u mhux nħallu l-qerda ta' parti mill-isbaħ biċċiet ta' Marsaskala permezz ta' dan l-isfreġju. Is-Sur Camilleri stqarr li qatt ma jista' jaqbel ma' dan il-proġett u li qatt mhux se jiċħad lir-residenti kienu x'kienu iċ-ċirkostanzi, u għahekk jivvota kontra.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri beda billi qal illi hu ilu mis-sena 2009 illi waqqaf il-klabb tal-futboll ġewwa Marsaskala u ilu min dak iż-żmien jissielet sabiex issir faċilita` sporttiva ġewwa l-Lokalita'. Kompla jgħid illi kien iltaqa mas-Sur Clyde Puli rigward ix-xewqa li kellu għal Marsaskala li jkollna faċilita` sporttiva u deher li kien hemm qbil pero' fil-kors taż-żmien xorta baqa ma twettaq xejn. B'hekk hu kien talab lil Onorevoli Owen Bonnici sabiex jiċċekja jekk kienx hemm xi pjan għal sport facility f'Marsaskala u kien sar jaf illi l-area taż-Żonqor kellha tiġi Park Nazzjonali u ż-żona tal-madwar il-pixxina kellu jkun hemm faċilita sporttiva. F'Ġunju tal-2012 bdiet sensiela ta' korrispondenza rigward PA177/08 sabiex issir diving facility u għalkemm baqa jitlob li issir sport facility kompluta ġewwa Marsaskala baqa qatt ma sar xejn. Hu qal illi proġett bħal dan tal-Universita' Amerikana bilfors irid isir ġewwa ODZ area minħabba ~~r-residenti u~~ sport facilities ~~f'Lokalitajiet oħra~~ dejjem saru f'ODZ areas, b'hekk hu iddikjara li jaqbel ma dan il-proġett għaliex ser ikun qed jgħin fl-att sportiv u ż-żagħżagħ li ser ikunu qed iżuru dan il-post ser jieħdu eżempju tajjeb għaliex ser ikunu f'ambjent universitarju għalhekk hu jara li din l-Universita' ser iġġib biss ġid u għalhekk jivvota favur.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li jaqbel perfettament mad-diskors li għadu kif qal il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri. Huwa qal illi ż-żgħażagħ u t-tfal tagħna ma jistgħux jkomplu jilgħabu ġo xi rokna u dan il-proġett ser jkun post fejn dawn iż-żgħażagħ u t-tfal jistgħu jilgħabu. Huwa kompla jisħaq illi fil-passat kienu ġew żvillupati affarijiet illi in-nies tas-South ma kienux qed jistennew bħal l-impjant tar-riċiklaġġ, il-purifikazzjoni tat-tisfija tad-drenaġġ, il-Power station f'Delimara iżda il-Gvern ta' dak iż-żmien baqa għaddej bil-pjanijiet u l-iżviluppi. Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi bil-bini ta' din l-universita` ser jqanqal qawmien ekonomiku kemm fil-lokal tagħna u kemm fil-bqija ta' Malta. Huwa għalaq id-diskors tiegħu li dan mhux proġett finalizzat infatti l-Prim Ministru staqsa għal proposti fuq postijiet alternattivi. Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar iddikjara li huwa favur ta' dan il-proġett u li jsir fin-naħa t'isfel ta' Malta.

Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar qalet li minn esperjenza tagħha fil-qasam tax-xogħol *tagħha hija tara l-importanza tal-isports u s-saħħa u taqbel perfettament ma dak li qal il-*Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar u għaldaqstant iddikjarat illi hija taqbel ma' dan il-progett.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi meta issemmi l-Lokalita' ta' Marsaskala jiġi assoċjat mar-riċiklaġġ għaliex għalkemm insistejna kif ukoll saru petizzjonijiet sabiex dan ma jsirx, ix-xogħol xorta baqa għaddej biex finalment sar ġewwa Marsaskala u hemmhekk fejn ir-residenti bdew jitilqu mil-Lokal, kompla jgħid illi f'Marsaskala diffiċli li jsiru proġetti u issa hemm iċ-ċans li jsir proġett bħal dan fejn ser ikollna okkażżjoni għaż-żagħżagħ sabiex jirrikrejaw ruħhom. Kompla jgħid illi ġewwa Marsaskala hawn ħafna flats li jinstabu battala, u qal illi hu jiftakar Marsaskala fiż-żmien tal-passat fejn kien post kwiet pero fis-sajf beda jimtela bin-nies tal-villeġjatura u allura l-Lokal ma baqax kwiet bħal ma kien. Hu qal li la darba aċċettajna din il-bidla għaliex m'għandniex naċettaw dan il-proġett ukoll li fuq kollox il-flus ser jibbenefikaw minnhom anke ir-residenti għaliex bihom jistgħu jsiru toroq u żviluppi oħra fil-Lokal. Hu qal illi l-infrastruttura tat-toroq tista ssir sakemm jibda jinbena dan il-proġett bħal ma ġara fil-każ ta' Smart City fejn anke dan ġie mibni f'art ODZ u għalhekk la darba il-post jibqa aċċessibli għan-nies hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsir dan il-proġett u jivvota favur.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt beda biex jgħid illi ser jkun konċiż u preċiż li huwa ma jaqbilx ma dan l-iżvillupp mhux għax hija kwistjoni politika jew għaliex huwa rappreżentant tal-PN imma għax ma jaqbilx illi ODZ area tiġi żvilluppata f'Universita`. Huwa kompla jispjega illi huwa tal-fehma li din iż-żona tista tiġi żvilluppata aħjar. Huwa kompla jgħid li din l-area ser tittieħed lir-residenti ta' Marsaskala u mhux ser jibbenifikaw minnha ħlief il-ħwienet li għandha fil-lokal. Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt iddikjara li ma jaqbilx ma dan l-iżvillupp.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li jissekonda ma dak li qalu l-Kunsilliera is-Sur John B. *Camilleri u il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt. Huwa qal li din hija art barra ż-żona tal-iżvillupp,* art li għanda importanza ekoloġika u medda ta' art ta' importanza xjentifika u importanza agrikola. Huwa kompla jgħid illi in-nies jinsabu imwerwrin għax lanqas jafu ser x'jiġri. Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar kompla jgħid li din iż-żona għandha "high landscape value" u hemm dokumenti li jipprovaw dan. Huwa saħaq li din l-art ma titstax tiġi żviluppata u ser nagħtuha lill-barranin apparti ukoll li din iż-żona proposta hija enormi u l-Park Nazzjoni li kien hemm propost huwa nofs biss ta' dak li kien hemm propost. Huwa qal li l-iżvilupp ekonomiku u l-affarijiet pożittivi li ssemmew huma biss assunzjonijiet, hemm madwar mitt tomna art li ma semma xejn x'ser jsir minnha u għandna biċċa art li nistgħu nagħmlu attrazzjoni turistika u hija ir-responsabilita' tagħna lkoll li nżommuha nadifa u għaldaqstant huwa staqsa xi kwalita' ta' ġid ser jinħoloq b'dan l-iżvilupp. Huwa qal illi fejn jidħlu l-faċilitajiet sportivi ser jkollna niddobbaw mingħand ħaddieħor. Għaldaqstant huwa iddikjara illi ma jaqbilx ma dan l-iżvilupp.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard bdiet billi qalet li meta hi u l-Kunsilliera ġew eletti mir-residenti tal-Lokal huma daħlu għal din il-kariga sabiex jaqdu r-residenti u ma baqgħetx kwistjoni ta' Partit Politiku. Il-Viċi sindku ziedet tgħid li hi tkellmet ma ħafna residenti li ma jridux dan il-proġett. Il-Viċi Sindku saħqet li l-valur ekoloġiku ta' dan il-post huwa enormi u irreferiet għas-saħħa tan-nies, u qalet li n-nies biex ifiequ imorru barra mill-iżvilupp mhux ġewwa massa tal-konkos. Kompliet tgħid li jekk irridu li ssir faċilita' sportiva imissna nkellmu l-Wasteserv u jagħtuna parti mill-Family park fejn hemm post biżżejjed biex isir dan u ma hemmx bżonn ta' nies barranin biex ituna faċilita sportiva. Hi qalet li ħadet gost meta ssemmiet l-pressjoni li saret sabiex ma jinbeniex l-impjant tar-riċiklaġġ u issa qed naċċettaw li joħdulna biċċa art bħal dik sabiex isir dan il-proġett. Qalet ukoll li ħadet gost meta l-Prim Ministru qal illi jrid li jsir żvilupp fin-naħa t'isfel ta Malta u taqbel ma dan u allura ghandna nħallu lill-bdiewa jkomplu jaħdmu l-art ghaliex dak ukoll huwa żvilupp li għandu r-rwol tiegħu fl-ekonomija tal-pajjiz. Il-Viċi Sindku kompliet tgħid illi l-Park Nazzjonali kellu jinbena fit-2006 u b'dan il-proġett qed jitnaqqar minnu, għalhekk hi ma tistax taqbel ma dan il-proġett u taċċetta li jkompli jsir freġju akbar milli diġa ilhom isiru, b'hekk tivvota kontra.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jħossu fid-dover li dak li sar fil-Kunsill preċedenti ma jiġix mormi il-baħar. Hu qal li l-Kunsillier Charlot Mifsud qal illi x-xogħol fuq l-impjant baqa għaddej u lilna ħadd ma semaghna meta dan mhux minnu għaliex l-applikazzjoni oriġinali kienet illi l-impjant ikollu 200,000 tunellata ta' skart fis-sena u bil-pressjoni li saret din tnaqqset għal 76,000 tunellata fis-sena. Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud wieġeb li t-talba u l-pressjoni li saret mill-Kunsill kienyu mhux biex jitnaqqas l=-ammont ta' skart iżda li minħabba li l-impjant il-qadim kien ser jitwaqqa u jinbena mil-ġdid dan kellu jinbena f'post ieħor mhux ġewwa Marsaskala. Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud żied jgħid li dan l-impjant inbena mingħajr ma kien sar l-ebda studju speċifiku fuq Marsaskala.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja beda billi qal illi kemm hu kif ukoll il-Kunsilliera qiegħdin fil-Kunsill primarjament għal ġid fil-komunita' u jidher li kulħadd jaqbel li jsir investiment għaliex ilna xhur twal nokorbu sabiex issir xi ħaġa pożittiva f'dan il-Lokal u dejjem konna minn ta' quddiem sabiex niġġieldu kontra l-affarijiet negattivi għal dan il-Lokal pittoresk. Kompla jgħid li ftit ta' snin ilu kien hemm ħsieb li ġewwa ż-Żonqor jinbnew lukandi u tittieħed il-kosta u hemmhekk il-Kunsill ma qabilx ma dan il-proġett u sa dak iż-żmien ħadd ma kien għadu jaf bil-proġett tal-Universita'. Kompla jgħid illi fil-laqgħa li saret mill-Prim Ministru, Nhar il-Ħadd 17 ta' Mejju 2015, il-Prim Ministru tkellem bl-iktar mod ċar fejn qal illi għalkemm ser isir park nazzjonali bl-ebda mod m'għandhom jieqfu jaħdmu l-bdiewa fir-raba. Hu qal illi hu tkellem ma nies li riedu dan il-proġett u anke ma dawk li ma rieduhx pero meta spjegalhom il-footprint jidher ċar illi l-binja proposta mhux ser tmiss il-Kosta wkoll t-tlett sulari binja tibda mill-aktar post baxx u ma jkunx ta' ostaklu ghar-residenti taż-Żonqor.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-parti fejn hemm propost id-dormitorju huwa kollu raba tinħadem u ma nafx kif din ser tibqa tinħadem la darba tiġi mibnija.

Is-Sindku kompla jgħid illi l-Prim Ministru elenka ħafna postijiet li kienu ODZ li illum l-ġurnata nbnew pero` dawn kollha għandhom xjaqsmu mas-saħħa u l-edukazzjoni, kompla jgħid illi s-Sur Charlot Cassar tkellem rigward il-ħmieġ li hemm fl-area bħalissa pero s-Sur Cassar joqgħod f'dawk l-inħawi allura suppost jaf illi l-post jiġi mnaddaf min naħa tal-Gvern Ċentrali pero` n-nies irresponsabbli qiegħdin iħammġuh u dawn in-nies għandhom jistħu u mhux il-Kunsill. *Is-Sindku kompla jgħid illi għandna grazzja li ġejna offruti proġett bħal dan u bl-*introjtu tajjeb li tinfetaħ triq alternattiva, jiġi irranġat il-Magħluq u tinbena l-Jerma għaliex ġewwa Marsaskala hawn ħafna telqa u għalkemm bil-limitazzjonijiet tagħna xorta pprovajna nsebbħu l-Lokal permess ta' skemi u fondi li ħadem tant tajjeb fuqhom is-Segretarju Eżekuttiv u għaliex dejjem konna bil-għaqal, żied jgħid illi għalhekk hu ma jistax ma jaqbilx ma dan il-proġett meta ilu s-snin jitlob li nkunu bħal Lokalitajiet tan-naħa ta' fuq.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi ġewwa Malta l-issues bħal dawn dejjem narawhom taħt lenti politika.

Is-Sindku wieġeb illi tant qatt ma mexa taħt lenti politika illi meta kien hemm kwistjonijiet oħra kien hemm drabi fejn qabel mal-partit oppost.

Is-Sindku kompla jgħid illi dan il-proġett huwa produttiv u sostenibbli u għalhekk jivvota favur.

***Is-Sindku ipproppona illi l-Kunsilliera jiddikjaraw jekk humiex favur jew kontra ta' dan il-proġett li jinvolvi l-bini ta' Universita`. Is-Sinjura Elisabeth issekondat.***

***Favur: Is-Sindku s-Sur Mario Calleja, il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri, il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar,il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud.***

***Kontra: Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard, il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar, il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt.***

***Il-votazzjoni kienet 5 favur, 4 kontra u 0 astensjonijiet.***

Il-Kunsilliera flimkien mas-Sindku taw permess lir-residenti preżenti għal-laqgħa li xtaqu jesprimu l-opinjoni tagħhom fir-rigward ta dan is-suġġett.

3.2 **Żieda fin-notch ta' Chantel Zammit minn Mejju 2015**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi s-Sinjorina Chantel Zammit ntitolata għal żieda fin-notch. F'Mejju 2015 titla Scale 13 point 5.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.3 **Korrispondenza mill-Banda Sant'Anna (35/1836/15/I):**

Is-Sindku qal illi hu flimkien mas-Sur Alfred Debono iltaqgħu mall-Għaqda Mużikali Sant'Anna u ntlaħaq qbil illi l-banda ddoqq fit-18 ta' Lulju 2015 pero din is-sena l-kunċert mhux ser isir fuq is-simenta iżda fuq iz-zuntier tal-Knisja faċċata tal-baħar. Sar qbil ukoll li l-ammont mħallas lilhom ser ikun dak ta' €1165,00 u tingħata sponsorship ta' €400. Ġie miftihem ukoll illi peress li l-għaqda mużikali Sant Anna fetħet akkademja għal aljevi ġodda u l-ispejjeż tas-Surmast huma ta' €1200 fis-sena, il-Kunsill joħroġ nofs l-ispejjeż biex ikun jista jgħin fl-edukazzjoni tal-mużika billi jingħataw korsijiet b'xejn liema korsijiet ser jiġu organiżżati bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Rigward strumenti l-Kunsill ma jistax jagħti strumenti b'hekk is-Sindku rnexxilu iġib sponsorship ta' strument u ser jipprova iġib ieħor permezz ta' sponsor biex b'hekk nibqgħu ngħinu l-akademja.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.4 **Korrispondenza mingħand is-Sur Matthew Mallia (35/2048/15/I):**

Is-Sindku qal illi l-każin tal-banda riedu li jsir pavaljun ġdid mall-faċċata tal-każin pero` hemm wires tad-dawl li qegħdin ta' periklu. Kompla jgħid lill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri kien ta' għajnuna kbira u finalment hemm bżonn li titħallas is-somma ta' €270 lill-Enemalta sabiex jitneħħew dawn il-wires minn mal-faċċata.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.5 **Memo 10-Skema rigward libreriji Lokali (35/1801/15/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsill li din hija Memo li napplikaw għaliha kull sena fejn min naħa tal-Kunsill jinxtraw kotba għal librerija tal-Lokal li jammonta sa massimu ta' €600 u min naħa tad-Dipartiment jagħtu l-istess ammont lill-Kunsill sabiex anke dawn il-flus jintefqu f'kotba għal librerija.

Il-Kunsill qabel unanimament illi napplikaw għal din l-iskema u nonfqu s-somma ta' €1200 biex niġu rifużi s-somma ta' €600 minn din l-iskema.

3.6 **Rappreżentanta mill-għaqda LEAP tiltaqa mall-Kunsill:**

Is-Sinjura Desnise Farrugia spjegat li hi Development Agent mill-Ministeru tal-familja, qalet illi l-proġetti tal-LEAP huma immirati sabiex jieħdu ħsieb il-poverta`. Kompliet tgħid illi hija tieħu ħsieb in-naħa t'isfel ta' Malta u l-intenzjoni tax-xogħol tagħha hu li jkollna action plan kif nikkombattu l-poverta` u issa waslu Marsaskala. Kompliet tgħid illi min-naħa tal-għaqda LEAP jorgannizzaw ħafna korsijiet li huma bla ħlas eżempju korsijiet ta' tisjir minn eta` zgħira, korsijiet ta' konversazzjoni bl-Ingliż kif ukoll korsijiet fuq il-kompjuter. Qalet illi wara li tkun ħadmet fil-Lokal u rat xinhuma d-diffikultajiet, ser tkun qed tgħaddi l-proposti quddiem il-Ministru u ħeġġet lill-Kunsill illi jekk għandu xi idejat jista jgħaddihom lilha.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi fil-Lokalita' hawn ħafna ġenituri li huma single parents u jixtieq illi jsiru korsijiet għat-tfal li qed jikbru ġewwa familji ta' single parents sabiex intuwhom il-bażi ta' kif jista' jkollhom relazzjonijiet aħjar u anke nipprevenu l-poverta' speċjalment meta jkun hemm nisa li huma single mothers.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi tajjeb anke nieħdu ħsieb li jkun hemm anke korsijiet ta' parenting skills sabiex tgħin lil dawk il-ġenituri li għandhom bżonn gwida fuq dan l-aspett.

Il-Kunsilliera s-Sinjura Elisabeth Cassar qalet li min-naħa tagħha tħoss li hemm bżonn ta' korsijiet ta' Anger management.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jaqbel mas-Sur Charlot Cassar għaliex iħoss illi tfal li jkunu ġewwa familji li l-ġenituri huma separati, t-tfal ikunu beżgħana ħafna li l-istess sitwazzjoni tiġri lilhom allura kapaċi jieħdu triqat mħarbta u għalhekk għandna nuruhom perspettiva oħra permess ta' dawn il-korsijiet. Kompla jgħid illi tajjeb inħarsu ukoll lejn iż-żagħżagħ li għalkemm għandhom kwalifiċi xorta waħda ma jistgħux isibu xogħol.

Is-Sinjura Farrugia qalet illi rigward ix-xogħol ser ikunu qed jaħdmu fuqha immedjatament għaliex l-ewwel ħaġa li trid issir hija li tgħallem liż-żagħżagħ x'għandhom jagħmlu biex ifittxu xogħol, kif jipprepara għall-interview eċċ eċċ.

Is-Sindku qal illi tajjeb anke nieħdu ħsieb iż-żagħżagħ vulnerabli sabiex ikunu jistgħu isibu xogħol anke huma u tajjeb li kieku jkollna mezz ta' kif inkunu nafu b'xi fabriki eċċ eċċ li għandhom bżonn ħaddiema sabiex aħna nkunu nistgħu nirrakomandawlhom dawn iż-żagħżagħ.

Is-Sinjura Denise Farrugia qalet li ser tkun qed tressaq dawn il-proposti quddiem it-team tagħha.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa kif tinfilsa il-LEAP kontra il-poverta`.

Is-Sinjura Denise Farrugia qalet illi min naħa tagħhom qed jipprovaw illi n-nies jiġu irreferuti lilhom min naħa tal-Kunsill pero` ġieli jirreferihom anke il-kappillan jew mill-iskejjel u hemm drabi fejn l-individwu jiġi min jheddu jfittex lilhom. Kompliet tgħid illi iridu nżidu aktar awareness fost in-nies bix-xogħol tagħhom.

3.7 **<u>Kummenti mill-Kunsill rigward il-kundizzjonijiet fil-permess għal-impjant tal-Wasteserv (35/1934/15/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi parti mill-kundizzjonijiet kienu li jsiru l-IPPC permit u li l-Kunsill irid jara jekk jaqbilx magħhom jew iżid xi affarijiet sabiex jiġi rivedut il-permess skond il-kundizzjonijiet tal-EU. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-Sur Buhagiar ta' il-kummenti tiegħu għan-nom tal-Kunsill u jekk hemm xi ħaġa li ma naqblux magħha għandna ninfurmawhom sal-20 ta' Mejju 2015.

3.8 **<u>Korrispondenza mingħand Perit Claude Mallia għan-nom tal-klijenta tiegħu li kienet applikat għall-kjosk il-fajtata:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan l-iżvilupp il-Kunsill diġa oġġezzjona għalih, kompla jgħid illi fl-ittra mibgħuta mill-Perit Claude Mallia hemm mniżżel illi jekk il-Kunsill jaqbel ma dan l-iżvilupp il-klijenti tiegħu lesti illi jieħdu ħsieb il-parking space, it-toilets kif ukoll il-bajja (il-Fajtata).

~~Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal~~ Intqal illi l-latrina żgur li ma tistax tieħu ħsieba terza persuna. dment li hemm kuntratt .

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard qalet illi għandha problema b'din il-proposta għaliex tibża illi la darba din is-sinjura ser tkun qed tieħu ħsieb iż-żona u jgħaddu s-snin din timplika li ż-żona hija tagħha.

Is-Sindku qal illi jista jsir kuntratt.

Is-Sinjura Desiree Attard qalet illi allura jrid isir kuntratt ma kull persuna li għandha gabbana .

Is-Sur Lawrence Ciantar qal illi sitwazzjonijiet bħal dawn diġa għaddejna minnhom qabel.

Is-Sindku qal illi hu ta' l-ideja li tkun gabbana fuq ir-roti u mhux fissa fil-post għaliex hemmhekk hija villa area.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Mepa ser tara jekk din il-gabbana tkunx ta xkiel għal villa area għaliex fil-każ ma jinħariġx il-permess.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-ewwel għidna li mhux ser nħallu l-ħwienet jifirxu fil-bandli u issa ser nħallu gabbana tieħu din il-biċċa art li x'aktarx hija art pubblika.

Is-Sindku qal illi hu ma jsibx oġezzjoni la darba din il-gabbana tkun temporanja.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi bħala prinċipju ma jaqbilx li ftit taż-żmien ilu għedna li li l-floating dock li ser ikun fil-baħar jkun jistgħa jbiegħ prodotti minn fuq dgħajsa u qed noġġezzjonaw għal din il-gabbana għaliex iħoss li hija iktar fil-kontroll tagħna rigward ħmieġ li jista jsir għaliex min fuq il-puntun hemm iċ-ċans li jintrema fil-baħar u f'dan il-każ li tkun fuq l-art hemm aktar kontroll fuqu.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ħareġ mil-laqgħa fit-20.21pm***

Is-Sindku qal lill-Kunsilliera sabiex ituh ċans sabiex hu u s-Segretarju Eżekuttiv jitkellmu ma din is-Sinjura u naraw jekk taqbillx li jkollha gabbana bir-roti sabiex tintuża filgħodu u filgħaxija titneħħa mill-post. Is-Sindku qal ukoll li jekk iż-żona indikata hija art pubblika, allura suppost li tinħareġ sejħa għall-offerti mill-Gvern Lokal.

Sar qbil unanimu illi l-oġezzjoni għandha tibqa u terġgħa tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill wara li ssir il-laqgħa.

3.9 **<u>Sentenza tal-qorti Joseph Caruana vs Mario Calleja (35/2050/15/I):</u>**

Is-Sindku qal illi l-kawża li kellu mal-eks Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Caruana kif ukoll mall-editur tal-Mument inqagħtet favurih pero żied jgħid illi ġie determinat il-fatt ukoll li ma kien hemm l-ebda tbagħbis fit-tender.

3.10 **<u>Sentenza mill-PCRB dwar l-appell tal-Perit:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan kien l-appell tat-tender tal-Periti u għalkemm ma kienx każ faċli, il-Kunsill rebaħ l-appell għaliex il-Perit William Lewis kien l-orħos offerent. Żied jgħid illi iridu ngħatu 15-il ġurnata ċans min meta in-notifikajnijom fil-każ li japellaw fil qorti tal-appell u jekk dan ma jsirx, il-Kunsill ikun jista jipproċedi bil-kuntratt.

3.11 **<u>Kwotazzjonijiet għall-Arti fil-Beraħ:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċivejna diversi kwotazzjonijiet għall-PA sysytem għal attivita ta' Arti fil-beraħ u qed jippreżenthom quddiem il-Kunsill sabiex tittieħed deċiżżjoni liema kuntrattur ser jintagħżel.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kuntrattur minnhom ma għandux informazzjoni biżżejjed fejn jgħid x'ihnu il-power tas-sound li hemm bżonn kif ukoll kemm ser ikun hemm speakers u x'saħħa fihom dawn l-audio speakers.

*Il-Kunsill qabel unanimament illi nistaqsu lill-kuntrattur għal din l-informazzjoni.*

3.12 **<u>Korrispondenza mis-Sur Joe Borg (Nexos) rigward l-offerta li kien issottometta lill-Kumitat Konġunt tad-dwal tat-toroq (35/2072/15/I):</u>**

Dan il-punt diġa ġie diskuss aktar kmieni f'din il-laqgħa f'artiklu #2.1.8.

3.13 **<u>Korrispondenza dwar logħob għat-tfal (35/2077/15/I):</u>**

Is-Sindku beda billi qal illi intbgħatet korrispondenza mingħand is-Sur Emanuel rigward logħob għat-tfal u meta ltaqa miegħu fehmu li dan jikkonsisiti f'pool zgħir bi ftit ilma u jkun hemm blalen ġo fiha. Hu qal illi issuġerixxa li titpoġġa ħdejn il-monument tad-Douzelage u kien ser iħalli 2.5 metru bħala passaġġ .

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-post mhuwiex addatta għaliex l-istruttura tal-logħob hi daqxejn kbira għal post u l-passaġġ ser ikun dejjaq wisq.

Is-Sindku qal illi mhux dejjem ser ikun fl-istess post u ser ikun qed iħallas permess għal kull metru kwadru.

Sar qbil unanimu illi l-istruttura ma titpoġġiex ħdejn il-monument tad-Douzelage iżda jinstab post aktar adattat.

3.14 **Skema ta' restawr ta' postijiet storiċi (35/2068/15/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċivejna korrispondenza mingħand id-dipartiment permezz ta' Memo 11/2015 fejn nistgħu napplikaw għar-restawr ta' postijiet storiċi.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa kemm għandna budget għar-restawr.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi din is-sena la darba il-post ma jkunx propjeta` tal-Kunsill, il-Kunsill għandu jġib il-permessi kollha neċessarji tal-post magħżul filwaqt li għal-ewwel darba x-xogħol isir mid-Dipartiment.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jħoss li l-kappella fi Triq La Sengle għandha bżonn ta restawr għaliex din hija wirt tal-Lokal tagħna u tinstab mitluqa ferm.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi trid issib persuna illi tagħmillek method statement wara jarah il-perit u la darba japprovah jgħaddi għand il-MEPA.

Sar qbil unanimu illi napplikaw għar-restawr tal-parti esterna tal-Kappella li tinsab fi Triq La Sengle.

3.15 **Risposta għal management letter tal-awdituri:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi din hija il-management letter mibgħuta mill-awdituri wara li sar l-audit ġewwa l-Kunsill u ħdejn snin preċedenti morna tajjeb ħafna grazzi għax-xogħol li tagħmel l-accountant tal-Kunsill. Kompla jgħid li kien hemm xi oservazzjonijiet li irrispondejna għalihom liema risposta ingħatat lill-Kunsilliera kollha.

Sar qbil unanimu illi nitolbu data lill-Green Mt rigward skart separat minn Jannar 2015 sa issa, filwaqt li l-ammont għas-sena 2014 għadu jrid jiġi finalizzat minħabba li hemm issue dwar il-ħġieġ li qed jinġabar.

4.0 **Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill illi kellna xi pagamenti illi daħlu tard u ser jitressqu f'din is-seduta u jkunu mniżżla fis-seduta li jmiss bħala ħlasijiet b'urġenza:

4.2 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard staqsiet fuq pagament numru #2539 Datatrak IT Services u xtaqet tkun taf x'jinvolvi dan il-pagament.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dawk huma flus taċ-ċitazzjonijiet li jkunu daħlu qabel ma bdew joperaw ir-reġjuni.

**Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u s-Sindku s-Sur Mario Calleja ssekonda.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

5.0 **Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2015/02- Tender for the collection of mixed household waste:**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta t-*tender schedule* ta' minn issottemetta l-offerta tiegħu.

| No | Bid Bond | Contractor | Remarks | Amount |
|---|---|---|---|---|
| 1 | ✓ | Mr Saviour Mifsud | | As per b.o.q's |
| 2 | ✓ | Ronald Debono obo R&A and Antoine Bartolo | | As per b.o.q's |
| 3 | ✓ | WM Environmental Ltd | | As per b.o.q's |

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-tenders kollha ġew iċċekjati l-offerenti u huma kollha technically and administratively compliant.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fit-tender hemm mniżżel li ~~it-tankijiet~~ il-bins għandhom jitbattlu siegħa qabel ma jiġi it-trakk.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illil-orħos offerent kien Ronald Debono obo R&A and Antoine Bartolo, l-istess kuntrattur li għandna fil-preżent. Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid illi r-rata li tefa R&A hija orħos minn dik li għandna bħalissa b'€30 fuq kull trakk kuljum.

Il-Kunsill qabel unanimament li t-tender tingħata lil Ronald Debono obo R&A and Antoine Bartolo peress li dan kien l-orħos offerent u dan skond l-istess kriterji stipulati fit-tender.

***Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

6.0 **Aġġudikazzjoni tal-kwotazzjoni MLC 02/2015 – Filming and media production:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-lista ta' kwotazzjonijiet.

| No | Contractor | Remarks | Amount |
|---|---|---|---|
| 1 | Mario Parascandolo obo lunikdigital.tv | | €2950 VAT incl |
| | | | €45 VAT incl for extra hours |
| 2 | Mr Keith Abela obo Media productions & logistics | | €620 VAT Incl |
| | | | €40 VAT Incl for extra hours |
| 3 | Flash Productions | | 10hrs for 1 year of evenrs €150 non linear digital editing & dvd productions €150 for each event DVD for the end of the year €300 price extra hours €10/h. |
| 4 | I vision Malta | | €700 for 1 year incl VAT €25 for extra hours Incl VAT. |

Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tingħata lis-Sur Keith Abela peress illi hu l-orħos offerent.

7.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

8.0 ***Mozzjonijiet:***

8.1 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja (#097 – 27/4/15):**

*"Jipproponi illi wara diversi ilmenti mir-residenti fi Triqn il-Buttar illi xi nies irresponsabbli qiegħdin jiddepozitaw min boroz ta' skart u skart goff ieħor ġewwa l-għalqa/sid ta' Fino wasal il waqt li ninfurmaw lis-Sur Fino biex itella ħajt ta' tmien filati madwar is-sid hekk kif titlob il-liġi."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

9.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

9.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi hemm 60 artist nazzjonali li talbu lill Kunsill sabiex jgħamlu graffiti ġewwa l-ex Jerma in-naħa tal-pool.

Sar qbil unanimu illi navżaw lill-propjetarji tal-Ex Jerma b'dan il-pjan.

10.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-9.30p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir Nhar it-Tlieta 23 ta' Ġunju 2015 fis-6.00pm.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku